**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**
**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**15 ta' April 2019**

**Rikors Numru 52/2018**

**Clayton Debono ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Power Plus Limited u Eric Vella ghal kull interess li jista' jkollu**

**Vs**

**Regolatur ghas-Servizzi tal-Energija u Ilma**

## It-Tribunal,

Ra r-rikors ta' **Clayton Debono nomine et**ipprezentat fil-5 ta' Gunju 2018 li permezz tieghu ppremetta s-segwenti:-

1. *"Illi s-socjeta' esponenti tissuplixxi sistemi fotovoltajċi tax-xemx u ghaldaqstant hija soggetta ghar-Regolamenti Dwar Skema Ta' Tariffi feed-in (Elettriku Ġenerat Minn Stallazzjonijiet Fotovoltajċi Tax-Xemx), Avviż Legali 253 tal-2013, kif emendat;*

2. *Illi l-esponenti Vella huwa klijent tas-socjeta' esponenti li applika, skont id-dispozizzjonijiet tal-Avviz Legali imsemmi, sabiex jinghata tariffa "feed-in" minghand ir-Regolatur appellat;*

3. *Illi l-istess esponenti Vella kien applika sabiex jinghata self bankarju mal-Bank of Valletta plc taht l-iskema maghrufa bhala "BOV Eco Loan - GRTU Special Scheme" li permezz taghha l-istess klijent jinghata self sabiex jinstalla sistem fotovoltajka go daru u b'hekk jibbenefika mit-tariffa "feed in";*

4. *Illi l-procedura f'dawn il-kazijiet hija li klijent imur ghand importatur tas-sistemi fotovoltajici tal-ghazla tieghu (bhalma hi s-socjeta' esponenti) u wara li jitftihem*

*fuq is-sistema mixtieqa (u naturalment il-prezz), issir applikazzjoni mar-Regolatur appellat skont l-Avviż Legali 253 tal-2013 kif emendat ghall-"Iskema FIT" li hija l-iskema annwali fejn ammont speċifiku ta' elettriku ġenerat minn stallazzjonijiet solari fotovoltajċi tax-xemx eliġibbli u esportat lejn is-sistema tad-distribuzzjoni, jiġu mħallsa tariffa feed-in kif stabbilit fl-imsemmija regolamenti;*

5. *Illi permezz ta' ittra datata s-6 ta' Novembru 2017, l-esponenti Vella gie infurmat illi l-applikazzjoni tieghu sabiex jinghata tariffa "feed-in" kienet giet irrifjutata;*

6. *Illi r-raguni moghtija kienet li fost id-dokumenti ipprezentati mal-applikazzjoni ghat-tariffa "feed in", kien hemm invoice li erronjament kellha d-data tal-istima;*

7. *Illi r-raguni moghtija mir-Regolatur kienet li din id-data giet interpretata bhala data ta' installazzjoni tas-sistema fotovoltajka fir-residenza tal-esponenti Vella, li ma kienx il-kaz;*

8. *Illi l-ebda sistema ma tigi installata qabel ma tkun approvata l-facilita' bankarja li f'dan il-kaz kienet ghal salf ta' seba' telef Ewro (€7,000), liema applikazzjoni u facilita' giet approvata mill-Bank of Valletta plc (Dok A) fl-14 ta' Settembru 2017, u l-hlas lis-socjeta' esponenti sar permezz ta' depozitu bankarju fl-14 ta' Ottubru 2017 (Dok B);*

9. *Illi l-istima mahruga mis-socjeta' esponenti favur il-klijent esponenti li abbazi taghha inghatat l-imsemmija facilita' inharget fl-4 ta' Settembru 2017 (Dok C), u sahansitra l-invoice tal-mizata tal-GRTU sabiex din ipprocessat l-applikazzjoni "BOV Eco Loan - GRTU Special Scheme" harget fid-9 ta' Ottubru 2017 (Dok D);*

10. *Illi wara li l-esponenti ircevew id-decizjoni originali minghand ir-Regolatur appellat (Dok E), huma oggezzjonaw ghal din id-decizjoni u offrew spjegazzjoni cara li kien hemm zball kaligrafiku u/jew ta' komptazzjoni amministrattiva (ossija kien hemm zball fid-data tal-istima originali) u li* ***l-ebda kumpanija li tissuplixxi s-sistemi fotovoltajċi tax-xemx ma kienet ser tibda tistalla sistema qabel ma jkun approvat is-self tramite l-facilita' bankarja maghrufa bhala "BOV Eco Loan - GRTU Special Scheme"****;*

11. *Illi r-rizultat tad-decizjoni tar-Regolatur appellat ifisser li s-sistema fotovoltajka tkun essenzjalment ser titwahhal ghal xejn peress li l-esponenti Eric Vella ma kinex ser igawdi mill-Iskema "FIT";*

12. *Illi fis-27 ta' Novembru 2017, l-esponenti talbu revizjoni tad-decizjoni tar-Regolatur abbazi tal-ispjegazzjoni moghtija f'dan l-appell cjoe' li ma kienet saret l-ebda stallazzjoni* ***qabel*** *ma kienet saret l-applikazzjoni ghat-tariffa "feed in", u li kien biss zball amministrattiv li d-dokument ipprezentat kellu data* ***anticedenti*** *ghall-applikazzjoni u bl-ebda mod ma kien ifisser li s-socjeta' esponenti kienet gja*

*stallat is-sistema fir-residenza tal-esponenti Vella, b'riskju enormi li kienet tiehu s-socjeta' esponenti ta' valur ta' seba' telef Ewro (€7,000) f'kaz li l-Bank of Valletta plc ma kienx jaccetta l-applikazzjoni ghall-facilita' bankarja maghrufa bhala "BOV Eco Loan - GRTU Special Scheme";*

13. *Illi din it-talba ghal revizjoni giet michuda fit-22 ta' Frar 2018 - permezz ta' decizjoni tar-Regolatur (Dok F)* ***li ironikament iggib id-data tat-22 ta' Frar 2017*** *- indikazzjoni li anke r-Regolatur innfisu kapaci jaghmel zball kaligrafiku u/jew amministrattiv!*

14. *Illi wara skambju twil ta' korrispondenza elettronika bejn ir-REWS u s-socjeta' esponenti (Dok G) fejn l-esponenti sahansitra ghamlu dikjarazzjoni li ser tigi ikkonfermata bil-gurament fil-mori ta' dan l-appell (Dok H) li l-ebda xoghol ta' installazzjoni tas-sistema ma kienet bdiet fir-residenza tal-esponenti Vella qabel ma kienet giet approvata l-applikazzjoni ghat-tariffa "feed-in" minghand ir-Regolatur (Dok H);*

15. *Illi sfortunatament ir-Regolatur insista li ma' kienx ser jaccetta l-ispjegazzjoni insindakabbli moghtija mill-esponenti illi ma kien beda l-ebda xoghol ta' installazzjoni* ***qabel*** *l-applikazzjoni sabiex tinghata t-tariffa "feed-in" u li d-dokument li abbazi tieghu giet irrifjutata l-applikazzjoni evidentement kien fih zball kaligrafiku u/jew ta' komputazzjoni amministrattiva hazina, tant hu hekk li l-ebda supplitur (bhalma hi s-socjeta' esponenti) ma kien ser jiehu r-riskju li jibda jinstalla sistema fotovoltajka b'valur ta' seba' telef Ewro (€7,000) go residenza ta' klijent* ***qabal ma jkollu c-certezza li kien ser jithallas!***

16. *Illi in segwitu tad-decizjoni ahharija tas-16 ta' Mejju 2018 (Dok I) li permezz taghha l-applikazzjoni li ggib in-numru ta' riferenza REWS/LME/PV/7312 giet michuda, l-esponenti ma kienx fadlilhom triq ohra salv dik li jintavolaw l-appell odjern skont ir-Reg. 7 tar-Regolamenti Dwar Il-Proċeduri Għad-Determinazzjoni ta' Kwistjonijiet (Avviż Legali 209 Tal-2016);*

*Ghaldaqstant l-esponenti umilment jitolbu lill-dana l-Onorabbli Tribunal sabiex wara li jirrevedi d-decizjoni moghtija mir-Regolatur appellat li permezz taghha cahad l-applikazzjoni numru REWS/LME/PV/7312 sabiex tinghata tariffa feed-in, joghgbu jirrevoka l-istess decizjoni tar-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma u wara li dan it-Tribunal jezamina l-kaz u l-provi migjuba mill-esponenti, japprova l-applikazzjoni ghat-tariffa feed in maghmula skont id-dispozizzjonijiet tar-Regolamenti Dwar Skema Ta' Tariffi feed-in (Elettriku Ġenerat Minn Stallazzjonijiet Fotovoltajċi Tax-Xemx), Avviż Legali 253 tal-2013, kif emendat."*

Ra r-risposta **tar-Regolatur ghas-Servizzi tal-Energija u Ilma** datata 19 ta' Gunju 2018 li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:-

1. *“**Preliminari***

*Illi preliminarjament, ir-Regolatur esponenti, jirreferi għas-subinċiż (6) tal-artikolu 32 tal-Att dwar ir-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma, fejn huwa dispost dan li ġej:*

> *“32 (6) Id-dritt ta’ appell quddiem it-Tribunal ta’ Reviżjoni Amministrattiva jkun jista’ jiġi eżerċitat mill-persuna li tħoss ruħha aggravata bid-deċiżjoni:*
>
> *Iżda f’kull każ, persuna li tagħmel appell quddiem it-Tribunal ta’ Reviżjoni Amministrattiva għandu jkollha wkoll interess dirett meta tkun qiegħda tikkontesta d-deċiżjoni jew id-direttiva li jkun qed isir appell minnha.”*

*Illi filwaqt li r-Regolatur esponenti ma jikkontestax l-fatt li r-rikorrenti Eric Vella għandu interess dirett għar-rigward id-deċiżjoni meħuda mir-Regolatur u li hija kontestata bil-proċeduri odjerni, l-istess ma jistax jingħad għas-soċjetà rikorrenti li mhijiex benefiċjarja potenzjali tat-tariffa feed in li għaliha applika r-rikorrenti Eric Vella, u li għalhekk ma għandhiex l-interess dirett mitlub bil-liġi u li jagħtiha locus standi quddiem dan l-Onorabbli Tribunal.*

2. ***Introduzzjoni – Fuq il-mertu***

*Illi r-Regolatur esponenti jamministra l-iSkema FIT, li hija l-iskema annwali li permezz tagħha ammont speċifiku ta' elettriku ġġenerat minn installazzjonijiet ta' fotovoltajċi eliġibbli, u li minnhom l-elettriku prodott jiġi esportat lejn is-sistema tad-distribuzzjoni, u li għalih jitħallas feed in tariff skont ir-Regolamenti dwar Skema ta’ Tariffi Feed-in (Elettriku Ġenerat minn Stallazzjonijiet Fotovoltajċi tax-Xemx - L.S.545.27), (‘ir-regolamenti FIT’).*

*Din it-tariffa titħallas mill-operatur tas-sistema tad-distribuzzjoni (l-Enemalta PLC) lill-operatur tal-installazzjoni, li huwa s-sid tal-istallazzjoni fotovoltajki.*

*Illi xogħol ir-Regolatur huwa inter alia li jilqgħa l-applikazzjonijiet għall-allokazjoni tat-tariffa feed in għal kull installazjoni li hija potenzjalment eliġibbli għall feed-in tariff skont ir-regolamenti FIT u li japprova l-għoti tat-tariffa ġaladarba applikazzjoni tkun ġiet sottomessa kif suppost kif trid il-liġi u skont il-ħtiġiet marbuta mal-applikazzjoni.*

3. ***Il-Liġi***

*Illi skont ir-regolament 4(3) tar-regolamenti FIT:*

> *“(3) L-operatur ta’ stallazzjoni ma għandux ikun eliġibbli għat-tariffa feed-in jekk l-istallazzjoni fotovoltajka tax-xemx ma tkunx konformi mal-kriterji ta’ eliġibbiltà stabbiliti permezz tal-Ewwel Skeda u ma jkunx kiseb l-awtorizzazzjonijiet, il-liċenzi jew il-permessi meħtieġa mill-awtoritajiet kompetenti rilevanti u mill-operatur tas-sistema ta’ distribuzzjoni.”*

*Illi wieħed mill-kriterji ta' Eliġibbiltà sabiex tippartеċipa fl-iskema FIT huwa dak stabbilit mill-partita 8 tal-Ewwel Skeda tar-regolamenti FIT li jiddisponi dan li ġej:*

*"8. Bla ħsara għal kull ħtieġa oħra taħt din l-iskema jew xi liġi oħra, fl-ebda każ ma għandu l-bidu tax-xogħlijiet tal-istallazzjoni fotovoltajka tax-xemx jibda qabel is-sottomissjoni ta' applikazzjoni għal tariffa feed-in u l-approvazzjoni ta' dik it-tariffa feed-in mir-Regolatur."*

*Illi l-istess regolamenti FIT ifissru l-kliem "l-bidu tax-xogħlijiet" bil-mod li ġej:*

*"bidu tax-xogħlijiet" tfisser l-iktar kmieni possibbli jew tal-bidu ta' xogħlijiet ta' kostruzzjoni relatati mal-investiment, jew l-ewwel impenn legali vinkolanti għall-ordni ta' tagħmir jew kwalunkwe impenn ieħor li jagħmel l-investiment irriversibbli. Ix-xiri tal-art u x-xogħlijiet preparatorji bħall-kisba ta' permessi u t-twettiq ta' studji ta' vijabilità, mhumiex meqjusa bħala l-bidu tax-xogħlijiet. Għall-akkwiżizzjonijiet, "bidu tax-xogħlijiet" tfisser il-mument li fih jiġu akkwistati assi marbuta direttament mal-istabbiliment akkwistat;"*

## 4. ***Il-Fatti***

*Illi r-Regolatur esponenti irċieva l-applikazzjoni tas-Sur Eric Vella msejħa Part 1 fl-10 ta' Awwissu tas-sena 2017 (Dok. REWS 1). Ir-Regolatur ħareġ l-allokazzjoni tal-FIT fit-22 ta' Awissu tas-sena 2017 (Dok. REWS 2).*

*Illi r-Regolatur esponenti irċieva l-applikazzjoni msejħa Parti 2 fl-1 ta' Novembru, 2017 (Dok. REWS 3), fejn għas-sodisfazzjon parzjali ta' din l-applikazzjoni biex tiġi approvata mir-Regolatur, huwa meħtieġ li jiġi mehmuż mal-applikazzjoni il-kopja tal-kuntratt tax-xiri tal-installazzjoni fotovoltajka jew dokument ekwivalenti, li jkun jinkludi il-firem tal-fornitur tal-PV u tal-applikant (dok. REWS 4).*

*Illi il-kuntratt tax-xiri provdut mill-applikant għandu d-data tas-16 ta' Ġunju 2017, ossija qabel ma saret is-sottomissjoni tal-applikazzjoni tas-Sur Eric Vella msejħa Part 1 fl-10 ta' Awwissu tas-sena 2017, li permezz tagħha kien applika għall-allokazzjoni proviżorja tal-FIT, u saħansitra qabel sew is-sottomissjoni tal-applikazzjoni msejħa Part 2 fl-1 ta' Novembru, 2017.*

*Illi tenut kont tal-fatt li l-liġi , tfisser "l-bidu tax-xogħlijiet" inter alia bħala"l-ewwel impenn legali vinkolanti għall-ordni ta' tagħmir", ir-Regolatur ma kellux għażla oħra għajr li jirrifjuta l-applikazzjoni tas-Sur Eric Vella minħabba l-fatt li d-data tas-16 ta' Ġunju 2017 fuq il-kuntratt tax-xiri sottomess mill-applikant res ipsa loquitur juri li l-impenn vinkolanti sar* **qabel** *ma saret is-sottomissjoni ta' applikazzjoni għal tariffa feed-in u l-allokazzjoni ta' dik it-tariffa feed-in mir-Regolatur.*

*Illi s-sottomissjoni tal-kuntratt tax-xiri jew ta' dokument ieħor ekwivalenti huwa kriterju importanti li jiddetermina l-punt meta tkun saret ir-rabta vinkolanti bejn il-partijiet. Dan jippermetti lir-Regolatur biex jivvaluta il-punt li fih tkun saret id-deċiżjoni definittiva dwar il-konklużjoni tal-investment, li huwa wieħed mill-kriterji invalikabbli li jridu jiġu sodisfatti biex l-Għajnuna tal-Istat li tingħatha tkun*

*permissibbli, allura skont il-liġi u kif stabbilit mid-Dritt Ewropew dwar l-Għajnuna mogħtija mill-Istat, u speċifikament skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014 tas-17 ta' Ġunju 2014 li jiddikjara li ċerti kategoriji ta' għajnuna huma kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat.*

5. ***Ir-raġunijiet il-għala ma għandux jintlaqgħa l-appell***

*Mingħajr ħsara għall-eċċezzjoni preliminari tar-Regolatur esponenti, illi ma jiswiex dak li jgħid ir-rikorrenti fl-appell tiegħu li ma kienet saret l-ebda stallazzjoni qabel ma kienet saret l-applikazzjoni għat-tariffa u "li kien biss żball amministrattiv li d-dokument ipprezentat kellu data antiċedenti għall-applikazzjoni". Ir-rikorrenti donnu irrid jagħti x'jifhem li dan kien ir-riżultat ta' xi lapsus calamai, illi iżda fir-realtà id-dokument sottomess huwa prova tiegħu innifsu.*

*Illi huwa rrilevanti li r-rikorrent jargumenta li bl-ebda mod dan ma kien ifisser li s-soċjetà esponenti kienet ġja stallat is-sistema fir-residenza tal-esponenti Vella għaliex d-deċiżjoni tar-Regolatur ma kienitx bbażata fuq li kien hemm bidu ta' xogħlijiet ta' kostruzzjoni relatati mal-investiment.*

*Illi l-liġi tqis li jkun seħħ ukoll il-bidu tax-xogħlijiet ġaladarba ikun sar l-ewwel impenn legali vinkolanti għall-ordni ta' tagħmir. Dan biex iseħħ mhuwiex dipendenti fuq l-fatt li sseħħ installazzjoni fiżika tas-sistema fotovoltajka kif jgħid ir-rikorrent fl-appell tiegħu.*

6. ***Konklużjoni***

*Ghaldaqstant l-esponenti umilment jissottomettili t-talba ghandha tigi miċhudha ghar-ragunijiet imsemmija, bl-ispejjez kontra r-rikorrenti. "*

Sema' x-xhieda;

Ra d-dokumenti kollha pprezentati;

Sema' t-trattazzjoni tal-partijiet;

Ra li r-rikors thalla ghal-lum ghas-sentenza.

## Ikkunsidra:

Illi r-rikorrenti hassewhom aggravati b'decizjoni tar-Regolatur intimat (iktar 'il quddiem "REWS") li permezz taghha cahad l-applikazzjoni tar-rikorrent Vella sabiex jinghata *feed in tariff* (iktar 'il quddiem FIT) abbazi tal-Avviz Legali 253 tal-2013 kif sussegwentement emendata (Regolamenti Dwar Skema ta' Tariffi Feed-in (Elettriku Generat Minn Stallazzjonijiet Fotovoltajci tax-Xemx).

Illi bhala fatt jirrizulta illi r-Regolatur intimat jamministra l-iskema FIT li hija skema annwali li permezz taghha ammont specifiku ta' elettriku ggenerat minn

pannelli fotovoltajci jigi esportat lejn is-sistema tad-distribzzjoni u li ghall-istess ammont esportat tigi mhallsa tariffa.

Illi **Clatyton Debono** xehed illi huwa direttur manigerjali ta' Power Plus Limited li toffri servizz ta' bejgh u nstallazzjoni ta' pannelli fotovoltajci. Jispjega li r-rikorrent Vella kien xtara sistema ta' pannella fotovoltajci minghand is-socjeta` msemmija u meta nharget l-*invoice* din inharget b'data zbaljata. Jispjega li dan kien zball amministrattiv li ghamlitu certu Fiona li tahdem mas-socjeta` Power Plus Limited. Jispjega li f'dan il-kaz is-socjeta` kellha tircievi l-pagament ghas-sistema nstallata minghand il-GRTU peress li kellha skema ghall-installazzjoni ta' pannelli fotovoltajci min-negozji bla interessi.

Jispjega li l-process sabiex wiehed jibbenefika mill-FIT huwa li rapprezentanti tas-socjeta` Power Plus jaccedu fil-post fejn ikunu proposti li jitwahhlu l-pannelli u wara ssir applikazzjoni mar-REWS da parti tal-klijent. Mal-istess applikazzjoni jigu mehmuza zewg ritratti tal-bejt fejn ikun qieghed jigi propost li ssir l-installazzjoni, kopja tal-Karta ta' l-identita` tal-applikant u kopja tal-kont tal-elettriku. Fil-kaz in ezami din l-applikazzjoni saret fis-7 ta' Frar 2017 u giet approvata min-naha tar-REWS fl-10 ta' Awwissu 2017. Ladarba r-REWS johrog l-approvazzjoni huma jipprovdu l-installazzjoni. Wara li ssir l-installazzjoni, s-socjeta` tibghat inginier biex jicceritifka li s-sistema twahhlet kif suppost.

Jispjega li l-installazzjoni in kwistjoni saret fl-4 ta' Settembru 2017 wara li giet approvata mir-REWS u l-pagament ghaliha sar xahar wara stante li l-*loan* mill-Bank of Valletta gie approvat gimgha wara l-installazzjoni.

Jispjega li l-applikazzjoni ta' Vella giet rifjutata ghaliex fl-*invoice* thalliet id-data tal-*quotation* u li ghalhekk ir-REWS haseb li kien hemm *committment* da parti ta' Vella qabel giet approvata minnu. Jispjega li dan ma kienx il-kaz ghaliex l-installazzjoni giet imwahhla wara l-approval tar-REWS u l-izball fid-data ta' fuq l-*invoice* kien biss wiehed klerikali.

Mistoqsi mit-Tribunal jekk ghandux xi dokument li fuqha ffirma Vella li jipprova li l-installazzjoni fil-fatt saret fl-4 ta' Settembru 2017 huwa qal li ma jahsibx.

In kontro-ezami x-xhud wiegeb li huwa konxju li ma setghux jinbdew xogholijiet qabel ikun hemm l-approvazzjoni tar-REWS u konxju wkoll illi l-kuncett tal-bidu tax-xogholijiet mhux marbut jekk fil-fatt ikunx sar il-pagament jew le.

**Redeemer Lee Azzopardi**, *installer* mas-socjeta` Power Plus, stqarr permezz ta' affidavit illi huwa installat s-sistema in kwistjoni fl-4 ta' Settembru 2017 u dan kif jirrizulta minn dokument (Dok. LRA) li esebixxa flimkien mal-affidavit tieghu u li fuqu hemm il-firma tieghu u ta' Vella.

**Ir-rikorrent Eric Vella** xehed illi l-firma fuq Dokument LRA hija tieghu u li s-sistema in kwistjoni giet installata fid-data indikata fuq l-istess dokument. Jispjega li meta gew installati l-pannelli huwa kien ghadda cekk lil Debono pero` qallu biex ma jsarrfux peress li ma kienx lahaq irranga ghas-self mill-Bank. Ghalhekk tah cekk personali biex iserrah mohhu. Meta eventwalment hareg ic-cekk tal-Bank, Debono kien rega' tah ic-cekk personali lura.

**L-Inginier Peter Mifsud**, ufficjal tar-Regolatur intimat, spjega illi waha mill-funzjonijiet tar-Regolatur hija li jillicenzja sistemi li jiggeneraw l-elettriku u wkoll jamministr skemi li l-Gvern johrog bhala incentiv biex dawn is-sistemi jkunu jistghu jigu nstallati u jiggeneraw l-elettriku.

Fir-rigward tal-iskema tal-FIT huwa spjega illi r-Regolatur l-ewwel jircievi l-ewwel parti tal-applikazzjoni li jkun fiha d-dettalji personali tal-applikant, l-indirizz fejn se titwahhal is-sistema u informazzjoni teknika konfermata minn inginier. Ghall-ipprocessar ta' dawn l-applikazzjonijiet hemm Kumitat appozitu kompost minn tlieta min-nies. Ladarba ma jkunx hemm problemi huma jibghatu ittra imsejjha l-*FIT confirmation* sabiex l-applikant ikun jista' jipprocedi bl-installazzjoni.

Wara li applikant jinstalla s-sistema, huwa jrid jissottometti lir-Regolatur it-Tieni Parti tal-applikazzjoni flimkien ma' ritratti tal-installazzjoni u l-*purchase agreement.* Jispjega li fil-kaz in ezami, id-data tal-kuntratt kienet precedenti ghall-approvazzjoni tal-Ewwel Parti. Dan ghalihom kien ifisser li l-applikant kien ghamel *committment* qabel ir-Regolatur approva l-FIT. F'kaz bhal dan huma jaghtu zewg ghazliet, u cioe`, jew l-installazzjoni tehel xorta u tigi regolata b'*meter* u l-applikant jiehu l-energija ghalih, jew inkella illi joggezzjona ghad-decizjoni taghhom mar-*review committee*. Jispjega li f'dan il-kaz l-applikant ghazel li jikteb lir-*review committee.* Sussegwentement ir-*review committee* ikkonferma d-decizjoni originali.

Fir-rigward tal-kuncett ta' "bidu ta' xogholijiet" ix-xhud spjega illi dan isehh hekk kif l-applikant ikun accetta jew ha *committment* biex jaghmel installazzjoni, u cioe` kemm jekk fizikament tkun saret l-installazzjoni u wkoll jekk ikun ghamel xi ftehim u kkonferma mas-*supplier*. Fil-kaz in ezami l-applikant Vella kien issottometta kuntratt li kellu l-firma tas-*supplier* u l-firma tieghu li huwa datat qabel l-approvazzjoni tal-Ewwel Parti. Jispjega li peress li f'dawn l-iskemi hemm ghajnuna da parti tal-Gvern, ir-*rationale* warajhom hu illi applikant se jaghmel l-installazzjoni u ghandu bzonn l-ghajnuna. Jekk wiehed jaqbad u jaghmel *committment* minghajr l-approvazzjoni tar-REWS dan ikun ifisser illi huwa kien lest li jaghmilha bis-sussidju jew minghajru.

**Ikkunsidra:**

Illi permezz tal-ewwel eccezzjoni r-Regolatur intimat eccepixxa illi r-rikorrenti Clayton Debono ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Power Plus Limited ma kellux interess dirett biex jintavola dawn il-proceduri u dana ghaliex kien ir-rikorrent Vella li kien se jkun *semmai* il-beneficjarju taht l-Iskema FIT. Illi t-Tribunal jaghmel referenza ghal artikolu 32 (6) tal-Att dwar ir-Regolatur ghas-Servizzi tal-Energija u l-Ilma minn fejn johrog car illi sabiex persuna tintavola appell minn decizjoni tar-Regolatur intimat trid tkun persuna li barra li thossha aggravata b'tali decizjoni, trid ukoll ikollha interess dirett. Illi t-Tribunal ma jara l-ebda interess dirett fir-rigward ta' min issuplixxa l-pannelli fotovoltajci. Huwa ma kien se jibbenefika bl-ebda mod mid-decizjoni tar-Regolatur intimat. L-interess dirett tieghu fin-negozju kollu kien li jithallas ghal dak li huwa ssupplixxa lir-rikorrent Vella. Ir-Regolatur intimat ma kellu l-ebda relazzjoni guridika mar-rikorrent Debono. Ir-relazzjoni guridika tezisti biss bejn ir-rikorrent Vella u r-Regolatur. Ghaldaqstant it-Tribunal iqis li l-ewwel eccezzjoni ghandha tigi milqugha.

Illi l-kontestazzjoni principali ta' dan l-appell hija dwar meta effettivament saret l-installazzjoni tal-pannelli fotovoltajci in kwisjtoni. Filwaqt li r-rikorrenti jsostnu li dawn gew installati fl-4 ta' Settembru 2019, ir-REWS qieghed jargumenta illi abbazi tad-dokumenti kien sar *committment* bejn Vella u Power Plus fis-16 ta' Gunju 2017 (Dok REWS 4 a fol. 43). Filwaqt li r-rikorrenti jirrikonoxxu illi Vella baghat l-imsemmi dokument mal-Part 2 tal-applikazzjoni tieghu lir-REWS, Clayton Debono ghan-nom ta' Power Plus jghid li dan kien zball klerikali ghaliex huma jzommu l-istess numru tal-*quotation* meta jsir il-kuntratt u li bi zball ma nbidlitx id-data tal-*quotation* ghal dik ta' meta gew installati l-pannelli.

In sostenn ta' dak sottomess mir-rikorrenti, Redeemer Lee Azzopardi, *installer* ma' Power Plus, ipprezenta *installation worksheet* li huwa jghid li giet iffirmata minnu u minn Vella meta fl-4 ta' Settembru 2017 gew imwahhlin il-pannelli. L-ewwel mistoqsija li ghandu t-Tribunal f'dan ir-rigward hija s-segwenti: Jekk fil-verita` kienet tezisti din l-*installation worksheet* x'kien li zamm lil Power Plus jew lil Vella milli jissottomettuha quddiem ir-*review committee* meta talbu *review* tad-decizjoni tar-rifjut tal-applikazzjoni? It-tieni mistoqsija hija kif din l-*installation worksheet* harget biss xhur wara li gie intavolat dan l-appell, tenut kont li mar-rikors promutur ir-rikorenti esebew ghadd ta' dokumenti li fl-opinjoni taghhom isahhu l-kaz taghhom? It-Tribunal jirrileva illi huwa specifikatament staqsa lil Clayton Debono waqt id-deposizzjoi tieghu jekk jezistix tali dokument u huwa stqarr *"Ma nahsibx"*[1] . Iktar minn hekk, u forsi iktar ta' preokkupazzjoni

[1] Fol. 66

huwa li meta wiehed iqabbel il-firma ta' Redeemer Lee Azzopardi murija fuq l-*installation worksheet* u dik a' fuq l-affidavit tieghu, dawn m'ghandhomx x'jaqsmu xejn ma' xulxin. L-istess haga jista' jinghad ghall-firma tar-rikorrent Vella. Ghalkemm tixxibah, meta wiehed iqabbeli l-firma tieghu fuq l-*installation worksheet* mal-firma tieghu fuq Part 1 (a fol. 31) u dik fuq Part 2 (a fol. 42) u fuq il-kuntratt (a fol. 43), l-ahhar tlieta tista' tghid li huma identici, filwaqt li dik fuq l-*installation worksheet* ghandha karatteristici *ictu oculi* differenti. Wahda minnhom hija li l-ittra "E" f'dan l-ahhar dokment m'ghandhiex il-liwja lejn il-lemin kif hemm fit-tliet dokumenti l-ohra filwaqt li fid-dokumenti sottomessi lir-REWS wara l-ittra "E" hemm tikka, liema tikka ma tinstabx fl-*installation worksheet* u lanqas fid-dokument esebit bhala l-kuntratt bid-data "t-tajba" (Dok C a fol. 7).

It-Tribunal josserva wkoll illi ghalkemm Clayton Debono jaddebita zball klerikali fuq certa "Fiona", l-istess persuna, li tahdem mas-socjeta` Power Plus, ma gietx prodotta bhala xhud biex forsi tispjega l-"izball" li kienet ghamlet. It-Tribunal josserva illi lanqas ma giet esebita xi tip ta' *quotation*, li allura kellha, skont ma' xehed Debono, ggib l-istess numru tal-kuntratt.

Illi in vista ta' dan kollu dan it-Tribunal m'hu xejn konvint illi fil-fatt kien hemm zball klerikali fid-data tal-kuntratt. Il-kuntratt veru u proprju sar fid-data tas-16 ta' Gunju 2017. Jekk gewx installati l-pannelli dakinhar jew le dan it-Tribunal ma jistghax jghid.

Illi stabbilit illi Vella ghamel *committment* qabel kellu l-approvazzjoni ta' Part 1 min-naha tar-REWS (liema approvazzjoni nghatat fl-10 ta' Awwissu 2017) jonqos biss jigi ezaminat jekk l-istess *committment* jistghax jitqies bhala "bidu tax-xogholijiet" ai termini tal-Legislazjoni Sussidjarja 545.27 (Regolamenti Dwar Skema Ta' Tariffi Feed-In (Elettriku Generat minn Stallazzjonijiet Fotovoltajci tax-Xemx).

Illi ai termini ta' Regolament 2, li huwa l-parti tad-definizzjonijiet, ***"bidu tax-xogħlijiet" tfisser l****-iktar kmieni possibbli jew tal-bidu ta' xogħlijiet ta' kostruzzjoni relatati mal-investiment, jew* ***l-ewwel impenn legali vinkolanti għall-ordni ta' tagħmir jew kwalunkwe impenn ieħor li jagħmel l-investiment irriversibbli****. Ix-xiri ta l-art u x-xogħlijiet preparatorji bħall-kisba ta' permessi u t-twettiq ta' studji ta' vijabilità, mhumiex meqjusa bħala l-bidu tax-xogħlijiet."*

Illi fil-kaz odjern gie stabbilit illi fis-16 ta' Gunju 2017 gie ffirmat kuntratt bejn Power Plus Limited u Eric Vella sabiex is-socjeta` Power Plus tissuplixxih b'sistema ta' pannelli fotovoltajci. Ai termini tal-artikoli 34 u 1347 Kodici Civili:

*"1346. Il-bejgħ hu kuntratt li bih waħda mill-partijiet tintrabat li tagħti ħaġa lill-oħra bi prezz li din il-parti l-oħra tintrabat li tħallas lilha.*

*1347.* ***Il-bejgħ hu perfett bejn il-partijiet,*** *u, kwantu għall-bejjiegħ, il-proprjetà tal-ħaġa tgħaddi għand ix-xerrej,* ***malli jsir il-ftehim fuq il-ħaġa u fuq il-prezz, għalkemm il-ħaġa tkun għad ma ġietx ikkunsinnata u lanqas ma jkun għad tħallas il-prezz;*** *u minn dak il-ħin il-ħaġa nfisha tibqa' għar-riskju u għall-użu tax-xerrej."*

Illi ghalhekk fl-opinjoni ta' dan it-Tribunal huwa car illi permezz tal-ftehim iffirmat fis-16 ta' Gunju 2017 effettivament sar il-bejgh tas-sistema in kwistjoni. Jekk sarx il-pagament dakinhar jew iktar 'il quddiem huwa ghal kollox irrilevanti. Ladarba kien hemm *commitment* da parti ta' Vella allura r-Regolatur intimat kien gust fid-decizjoni tieghu li jirrifjuta t-Tieni Parti tal-applikazzjoni tieghu ghall-*feed-in tariff*.

**Decide**

Ghaldaqstant it-Tribunal, ghar-ragunijiet hawn fuq esposti, qieghed jichad l-appell tar-rikorrenti u jilqa' r-risposta tar-Regolatur intimat.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

______________________

**Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**